MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 7/2001/1

**Annetta Pullicino**

vs

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tal-Appell imressaq minn Annetta Pulliċino fil-31 ta' Lulju, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija qegħda tikkontesta deċiżjoni (Nru. 195/01) mogħtija fit-13 ta' Ġunju, 2001, mill-Arbitru maħtur taħt is-setgħat tal-Att X tal-1987, li biha ċaħad l-appell tal-istess rikorrent mid-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali li jwaqqfilha l-ħlas ta' Pensjoni għall-Wens, minħabba li l-istess Direttur kien sab li hija iddisponiet minn kapital biex tikkwalifika għall-pensjoni;

Rat it-Tweġiba mressqa mid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali appellat fit-13 ta' Settembru, 2001, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija tenna li l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud;

Rat id-Degriet tagħha tal-24 t'April, 2002, li bih ordnat li kopja tal-atti li seħħew quddiem l-Arbitru u li wasslu għad-deċiżjoni appellata jiddaħħlu fil-proċess;

Rat in-Nota mressqa mill-intimat appellat fl-10 ta' Ġunju, 2002[1], li magħha kien hemm mehmuża kopja tal-inkartament tal-proċediment quddiem l-Arbitru fil-każ tal-appellant;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

***Ikkunsidrat:***

Illi d-deċiżjoni appellata tgħid hekk;

"Dan l-appell jaqra hekk:-

*"Naghmel referenza ghad-decizjoni ta' pensjoni tal-wens fil-konfront tal-klijenta tieghi Annetta Pullicino ta' 30, Triq Mons. L. Catania, Gharghur u dan wara li d-decizjoni hija li u nikkwota "iddisponejt mill-kapital biex tikkwalifika ghall-pensjoni" u ghalhekk qed isir dan l-umli appell fil-konfront ta' din id-decizjoni quddiem l-Arbitu;*

*Illi l-appellanti Pullicino qieghda tappella minn din id-decizjoni minhabba l-fatt li dan ma hux il-kaz u dan kif sejjer pruvat waqt is-smiegh quddiem l-Arbitru. Hija qatt ma kellha ammont ta flus li kienu jappartjenu lilha. Dan fil-fatt gie wkoll spjegat lill-Awtorita` kompetenti u dan xorta saret din id-decizjoni."*

[1] Paġġ. 10 sa 29 tal-proċess

Risposta tad-Direttur:-

*"1. Illi l-appellanti ilha tircevi l-Pensjoni mhux kontributorja mid-19/2/00.*

*2. Illi minhabba depoziti l-Bank fuq isimha, li jaqbzu l-Lm4000, dan il-hlas lill-appellanti gie mwaqqaf fit-8/9/00.*

*3. illi d-Direttur ikkonferma li dan il-kaz ghandu jigi michud.*

Sabiex tikkwalifika ghall-pensjoni mhux kontributorja fdan il-kaz pensjoni ghall-wens, l-appellanti ma tridx tipposjedi aktar minn Lm4,000. Irrizulta li fil-fatt meta applikat hija ma kellhiex fuq isimha il-bank aktar minn Lm1,000. Pero` minn investigazzjoni li ghamel id-Direttur irrizulta li ftit jiem qabel ma applikat inghalaq fixed deposit mill-HSBC Bank li kien f'isimha u li kien jammonta ghal Lm8,000.

L-appellanti sostniet li dawn il-flus ma kienux jappartjenu lilha izda kienu flus ta' huha li silifhomla sabiex tiehu minnhom l-imghax sabiex ikollha biex tghix. L-appellanti sostniet ukoll li dawn il-flus kienu jiffurmaw parti mir-rikavat li huwa rceva minn bejgh ta' fond in forza ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Jeanette Laferla Saliba.

Irrizulta li l-appellanti hija xebba u sa' l-14 ta' Settembru 1999 hija kienet tahdem. Fil-fehma ta' l-Arbitru l-appellanti ma rnexxiliex tilhaq dak il-grad ta' prova necessarju sabiex fuq bazi ta' probabilita` it-tezi taghha tirnexxi. L-appellanti ma tat ebda raguni ghaliex hija silfet Lm8,000 minghand huha minghajr ma ghamlet skrittura biex tirregola tali self. L-argument li din is-somma giet mislufa sabiex l-appellanti tiehu l-imghax ma jaghmilx sens. Huwa seta' dejjem pogga l-flus il-bank fuq ismu u jaghti struzzjonijiet lill-bank sabiex ic-cheque ta' l-imghax jibaghtuh lill-appellanti. Dak li qed tallega l-appellanti mhux versimili.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jichad dan l-appell.

Illi l-appellanti tħoss ruħha aggravata mill-imsemmija deċiżjoni fuq il-fatt li l-provi prodotti kienu b'mod manifest u ċar u li kienu żgur jipprovaw fuq bażi ta' probabilita' li t-teżi tagħha kienet minnha u li l-Arbitru seta' faċilment jasal għall-istess fehma tagħha;

Illi, min-naħa tiegħu, id-Direttur appellat jinsisti li l-appell m'huwiex fondat u li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija tajba u tiswa, u għalhekk l-appell m'għandux jintlaqa';

Illi l-fatti ewlenin li joħorġu mill-atti juru li l-appellanti kienet bdiet tirċievi ħlas ta' Pensjoni għall-Wens minn Frar tal-2000, fuq applikazzjoni li hija kienet għamlet għal dan il-għan[2] billi tieħu ħsieb ommha armla li hija milquta minn infermita' li minħabba fiha trid tqatta' ħajjitha f'sodda jew fuq *wheelchair*. L-appellanti twieldet fl-1999, kienet xebba meta ressqet l-applikazzjoni. Hija iddikjarat li kienet waqfet taħdem f'Settembru tal-1999 u li kienet toqgħod fid-dar t'ommha u kulma kellha tagħha kien depożitu f'bank u karozza għall-użu personali tagħha. Id-Dipartiment għamel tiftix dwar l-appellanti għall-ħabta ta' Mejju tal-2000. Minn tagħrif mogħti lid-Dipartiment, irriżulta li l-benefiċjarja kienet għalqet kont fiss li kellha f'isimha ma' wieħed mill-banek kummerċjali ftit jiem qabel ressqet l-applikazzjoni għall-ħruġ favuriha tal-Pensjoni. Wara li bagħat għall-benefiċjarja u għal ħuha, ġie mfisser li s-somma kienet depożitata minn rikavat wara bejgħ ta' proprjeta' li ħu l-applikant kien għamel fit-8 ta' Jannar, 2000[3]. Fid-19 ta' Diċembru, 2000[4], id-Dipartiment għarraf lill-appellanti li kien qiegħed iwaqqfilha l-Pensjoni minħabba li xliha li kienet iddisponiet minn kapital biex tkun tista' tikkwalifika għaliha. L-appellanti ressqet appell minn dik id-deċiżjoni għal quddiem l-Arbitru fid-19 ta' Diċembru, 2000[5]. Fit-13 ta' Ġunju, 2001, l-Arbitru ta d-deċiżjoni li minnha tressaq dan l-appell;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti jinbnew b'mod partikolari mal-fatt li l-qofol tal-appell huwa lment dwar il-mod li bih l-Arbitru interpreta l-provi li kellu quddiemu.

[2] Paġġ. 22-3 tal-proċess
[3] Paġġ. 19 sa 21 tal-proċess
[4] Paġ. 13 tal-proċess
[5] Paġ. 29 tal-proċess

Qabel xejn, f'dan ir-rigward għandu jingħad li huwa prinċipju llum aċċettat[6] li, bħala regola, fi kwestjonijiet ta' apprezzament ta' provi jew fatti sottomessi, Qorti ta' reviżjoni ma twarrabx bla bżonn id-diskrezzjoni tal-ewwel ġudikant dwar dawk il-provi, u dan sakemm ma jkunx jidher fil-fehma tal-Qorti ta' reviżjoni li tali apprezzament ikun sejjer iġib inġustizzja fid-dieher lill-parti jew jekk id-diskrezzjoni tal-ewwel ġudikant tkun intużat ħażin[7]. Dan il-prinċipju jgħodd ukoll fejn l-apprezzament tal-provi jsir minn tribunal jew korp li huwa fdat b'liġi li jaġġudika[8];

Illi huwa stabilit ukoll li għal dak li jirrigwarda kwestjoni ta' kemm provi għandhom jitwemmnu u dwar l-apprezzament tagħhom, il-kriterju distintiv m'huwiex dak jekk minn kellu jiġġudika emminx it-tifsira mogħtija, imma jekk tali tifsira hijiex possibbli jew plawsibbli[9];

Illi, fil-każ partikolari, hemm ukoll l-aspett li ladarba l-appellanti kienet qegħda tikkontesta d-deċiżjoni tad-Direttur appellat dwar il-fehma tiegħu għaliex hija kienet ġibdet il-flus mill-kont f'isimha ftit jiem qabel applikat għall-Pensjoni, kien jaqa' fuqha l-piż li tipprova li dik il-kontestazzjoni kienet tiswa tant li setgħet twaqqa' d-deċiżjoni tad-Direttur[10]. L-appellanti tenniet li din il-prova wettqitha bil-verżjoni minnha mogħtija lid-Dipartiment dwar il-provenjenza tal-flus f'dak il-kont u bit-tressiq ta' dokument pubbliku biex juri s-sewwa ta' dik il-verżjoni. Fis-sustanza tagħha, il-verżjoni tal-appellanti hija li dawk il-flus, għalkemm għal ftit ġimgħat depożitati fuq isimha, ma kinux tagħha imma ta' ħuha li kien silifhomlha biex minnhom tgawdi l-imgħax;

Illi din il-verżjoni u dawn il-fatti kienu tqegħdu quddiem l-Arbitru waqt is-smigħ tal-appell quddiemu, imma hu ma qiesx li tali verżjoni kienet ta' min jorbot fuqha jew li tagħmel sens. Għall-kuntrarju, jekk huwa minnu li hemm x'wieħed jilmaħ mill-istess verżjoni huwa l-fatt li, fi stqarrija magħmula minn ħu l-appellanti nnifsu waqt l-

[6] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **10.2.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Magri et vs Borġ*** (Kollez. Vol: **XLV.i.47**)
[7] App. Ċiv. **6.10.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Emily Stivala et vs George Paċe*** (mhix pubblikata)
[8] App Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manche' noe vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)
[9] App. Inf. **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur tas-Sigurta' Soċjali vs Shannon Cauchi***
[10] App. Ċiv. **27.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***George Żammit vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali***

investigazzjoni (jiġifieri qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni tad-Direttur), is-somma nġibdet mill-bank għaliex l-appellanti saret taf li setgħet tapplika għall-pensjoni[11]. Fi kliem ieħor, il-verżjoni sseddaq sewwasew ir-raġuni li għaliha d-Direttur għarraf lill-appellanti li kien qiegħed iwaqqfilha l-ħlas tal-Pensjoni. Din iċ-ċirkostanza tagħmilha ħaġa tassew iebsa jekk mhux għal kollox impossibbli li wieħed jgħid, bħalma qegħda tisħaq l-appellanti, li l-Arbitru messu emmen il-verżjoni tagħha u warrab ir-raġuni tad-Direttur appellat;

Illi f'dan il-każ, il-fatt tal-eżistenza tal-kuntratt ta' bejgħ minn ħu l-appellanti u l-kwestjoni ta' x'kienet ir-raġuni vera li għaliha sar id-depożitu bankarju f'isem l-appellanti jieħdu, fil-fehma meqjusa tal-Qorti, xejra sekondarja jew marġinali għall-fatt mhux kontestat li l-appellanti tassew irtirat dak id-depożitu minħabba li kienet sejra tagħmel l-applikazzjoni għall-Pensjoni u fil-għarfien sħiħ tagħha li dak id-depożitu kien ikun ta' xkiel għaliha biex it-talba tagħha tintlaqa'. Provi kontra dawn il-fatti aċċertati ma tressqux min-naħa tal-appellanti, u dan lanqas fil-grad meħtieġ biex idawwar il-fehma tal-Qorti li bejn dak li jidher u dak li fil-fatt ikun il-każ ikun hemm rabta loġika u attendibbli[12] ;

Il-fehma waħdanija li għaliha tasal il-Qorti hija li ma ntwera l-ebda ħjiel ta' raġuni siewja għaliex id-deċiżjoni tal-Arbitru m'għandhiex tinżamm fis-seħħ;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** ta' Annetta Pulliċino bħala mhux mistħoqq u sostnut u b'hekk qegħda tikkonferma d-deċiżjoni tal-Arbitru mogħtija fit-13 ta' Ġunju, 2001, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

[11] Ara minuta 28, f'paġ. 15 tal-proċess

[12] Ara App. Inf. **12.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Pulliċino vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali*** li wkoll jittratta dwar apprezzament ta' fatti dwar provenjenza u attwali proprjeta' ta' kont bankarju intestate f'isem l-appellant

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------